MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 478/1993/2

**Dr. Toni Abela, LL.D., ghan-nom tas-socjeta' kummercjali Spiteri Tiles Limited**

**vs**

**Charles Ciappara**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta' attrici, fejn din wara li ppremettiet illi:

Il-konvenut ghandu jhallas lill-atturi s-somma ta' elf disa' mija u sitta u hamsin Liri Maltin (Lm1,956) rapprezentanti hlas bilancjali ta' prezz ta' rham mixtri minghand l-istess attur u ta' xogholijiet rezi in konnessjoni ma' l-istess irham.

Il-konvenut mitlub ihallas baqa' inadempjenti.

Dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut.

Talab il-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167 – 171 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u sussegwentement tikkundanna lill-istess konvenut ihallas l-ammont ta’ elf disa’ mija u sitta u hamsin Liri Maltin (Lm1,956), bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Charles Ciappara fejn dan eccepixxa illi:

L-okkju tal-kawza ma jirrispekkjax l-okkju tad-dikjarazzjoni u qabel xejn il-konvenut irid jaghmel il-korrezzjoni relattiva.

M’huwiex minnu kif hemm pretiz fil-premessi tac-citazzjoni li l-attur ghamel xi xoghol in konnessjoni ma’ rham fil-fond tal-konvenut.

Il-pretensjonijiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-somma mitluba m’hijiex dovuta u in oltre l-konvenut hallas aktar minn dak li kien dovut.

L-irham fornut ma kienx skond il-kwalita’ patwita.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut fejn dan eccepixxa illi:

Fis-sena 1992, l-attur nomine kien forna xi irham lill-konvenut u l-konvenut kien qabbad lil terzi persuni biex iwahhal l-istess.

Fit-13 ta’ Novembru 1991, il-konvenut kien ghamel depozitu ta’ tlett elef Lira Maltin (Lm3,000) ghand l-attur nomine u kellu ukoll credit note ta’ Lm305, tlett mija u hames Liri Maltin ma’ l-attur.

In effetti, l-irham konsenjat ma kienx skond il-kwalita' patwita.

L-attur qatt ma kejjel l-art u kien il-konvenut stess permess ta min poggih li kejlu.
Il-konvenut hallas aktar milli suppost u l-attur sofra danni ingenti fil-proprjeta' tieghu.

Talab l-attur jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara li stante l-irham ma kienx tal-kwalita' patwita huwa sofra danni ingenti.

Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut hekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

Tikkundanna l-attur ihallas lill-konvenut is-somma likwidata ai fini tat-tieni talba.

Tikkundanna lill-attur jirrifondi lill-konvenut il-hlas zejjed li sar fuq il-pagament dovut.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ghall-istess kontro-talba.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-attur ghat-talba rikonvenzjonali, fejn dan eccepixxa illi:

It-talbiet fit-talba rikonvenzjonali huma nulli, u dan stante li una volta li r-rikonvenzjonant qieghed jagixxi a bazi tal-kwalita' pattwita, dikjarazzjoni ghal-likwidazzjoni tad-danni u hlas tal-istess, huma legalment insostenibbli u dan peress li skond l-artikolu 1390 tal-Kodici Civili, ir-rikonvenzjonant seta' biss jitlob li jaghti l-oggett lura u jitlob id-danni, jew li jaccetta l-istess u jitlob tnaqqis fil-prezz.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku nominat minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-8 ta' Novembru 1994.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-kawza, l-attur nomine qed jitlob minghand il-konvenuti l-ammont ta’ Lm1,956, bilanc ta’ prezz ta’ rham fornit u xogholijiet rezi lill-konvenut, li jsostni li mhux talli m’ghandux jaghti, talli ghandu jiehu rifuzjoni minghand l-istess attur. Permezz ta’ kontro-talba huwa qed jitlob hlas ta’ danni peress li skond hu, l-irham fornit mhux tal-kwalita’ tajba, kif ukoll rifuzjoni tal-ammont imhallas zejjed. Ghal din it-talba, l-attur jeccepixxi n-nullita’ peress illi legalment insostenibbli peress li skond l-Art. 1390 seta’ jitlob jew li jaghti l-oggett lura u jirreklama d-danni jew li jhallas prezz anqas.

Jirrizulta mill-provi illi l-attur nomine tassew fornixxa lill-konvenut bi kwantita’ ta’ irham, li tqieghed fid-dar tal-konvenut minn terza persuna estraneja ghal din il-kawza, certu Joe Bonello, li thallas direttament mill-konvenut. Dan jirrizulta mir-ricevuta prodotta mill-konvenut bhala DOK. CC 5.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda mill-ewwel tiskarta t-talba tal-attur in kwantu tirrigwarda hlas ghal xogholijiet kull pretensjoni tal-attur ghandha, fil-fehma tal-Qorti tigi limitata ghall-prezz tal-materjal, cioe’ l-irham.

Il-konvenut jeccepixxi illi l-madum fornit ma kienx tal-kwalita’ pattwita. Il-perit effettivament ikkonstata li f’xi postijiet it-tonalita’ ta’ l-irham ma kinitx uniformi. Madanakollu ma ngiebet ebda prova li dan kien difett fl-irham. Seta’ kien nuqqas da parti tal-persuna li wahhlet l-irham minghajr ma qaghdet attenta li tqabbel il-bicciet li kellhom jitqeghdu biswit xulxin fl-istess ambjenti. Fic-cirkostanzi, il-Qorti qed tiskarta din l-eccezzjoni.

Ghal dak li ghandu x’jaqsam mal-valur tal-irham, il-Qorti tinnota li ma jirrizultax mill-provi li kien hemm xi ftehim fuq prezz. Ghalhekk il-Perit Tekniku deherlu li kellu jiffissa valur hu stess “arbitrio boni viri.” Il-perit jispjega li ghamel dan wara studju ta’ diversi negozji li jissuplixxu l-istess materjal u tenut kont ukoll li l-materjal gie konsenjat fis-sena 1991.

Il-Qorti ser tistrieh fuq il-konkluzjonijiet peritali fir-rigward, kif del resto, ser taghmel ghal dak li jirrigwarda kejl, u dan peress illi l-materja hija wahda purament teknika u lill-Qorti ma nghatatilha ebda raguni serja u valida biex tiddipartixxi minn dik il-konkluzjoni, kif ukoll ghar-raguni li l-kejliet diversi imnizzla fuq id-diversi invoices huma mharbxa b'tali mod li huma prattikament indecifrabbli.Ghalhekk il-Qorti ukoll ser tistrieh fuq il-konkluzjoni tal-Perit li kellu l-okkazzjoni li jisma' x-xhieda viva voce dwar l-istess dokumenti.

Il-Qorti tinnota ukoll li wahda mill-invoices tirreferi ghal irham roza li l-Perit stess jinnota ma jinsab imwahhal imkien fid-dar tal-konvenut. Ghalhekk il-Qorti ser taddotta l-kalkolu maghmul mill-Perit li, wara li naqqas l-akkonti mhallsa wasal ghall-konkluzjoni li l-ammont dovut ghall-irham mis-socjeta' attrici huwa ta' Lm1,121.37.

Permezz tal-kontro-talba minnu ntavolata, dan talab lill-Qorti tillikwida danni sofferti minnu stante li skond hu, l-irham ma kienx ta' kwalita' pattwita. L-attur rikonvenzjonat jeccepixxi n-nullita' ta' din it-talba u jsostni li skond l-Art. 1390 tal-Kodici Civili, tali talba hija insostenibbli. L-Art. 1390 tal-Kodici Civili jipprovdi illi "Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkonsenja ma tkunx tal-kwalita' imwieghda, jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' Perit."

Il-Qorti f'dan il-kaz hi tal-fehma li, waqt li ghazel li jzomm l-irham, il-konvenut ma jistax jippretendi hlas ghad-danni. Il-konvenut rikonvenzjonant jargumenta li l-Artikolu imsemmi ma japplikax ghaliex il-kuntratt kien wiehed ta' appalt u mhux ta' bejgh. Il-Qorti, dan l-argument tiskartah mal-ewwel peress illi mill-provi jirrizulta ampjament li n-negozju kien wiehed purament ta' bejgh ta' rham fejn it-tqeghid sar minn terza persuna mhallsa indipendentement.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi; ghar-rigward tat-talba tal-attur tilqa' l-istess talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine is-somma ta' elfejn sitt mija u tnax-il ewro u disa' centezmi (€2,612.09) ekwivalenti ghal elf mija u wiehed u ghoxrin Liri Maltin u seba' u tletin centezmu (Lm1,121.37), bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fic-citazzjoni. Ghar-rigward tal-kontro-talba, il-Qorti tilqa' l-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat u tichad it-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant.
L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenut hlief ghal ghaxra fil-mija li ghandhom jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------